# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF FRANCESCO DEPASQUALE**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF AUDREY DEMICOLI**
**ONOR. IMĦALLEF DOREEN CLARKE**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 1 ta' Frar, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 198/22/1 GM**

**Ganni Attard**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex) u Dr. Frank Galea u Dr. Kenneth Grima għal kull interess li jista' jkollhom**

1. B'rikors Kostituzzjonali ippreżentat fis-26 ta' April 2022 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), l-appellant Ganni Attard talab sabiex dik il-Qorti:

> *"Tiddikjara illi l-ispejjeż, drittijiet u kawtela relatati mal-kawża fl-ismijiet Ġanni Attard vs Dr Frank Galea (Rik. Ġur. Nru. 20/2015 (JVC) imposti fuq ir-rikorrenti huma leżivi fid-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament dawk sanċiti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taħt l-Artikolu 6 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."*

2. Jirriżulta illi b'sentenza tat-13 ta' Frar 2023 il-Qorti Ċivili, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) kkonkludiet li l-Kap. 12:

> *".... jagħti rimedju għal min ma jkunx f'qagħda li jħallas il-kawtela, u li dan ir-rimedju huwa wieħed siewi u effettiv. Lanqas hemm dubju li r-rikorrent ingħata kull opportunita' li jsemma leħnu wara l-kawtela u li huwa kapriċċożament naqas li juża' din l-għodda li tagħtih il-liġi ordinarja. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas, din il-Qorti tqis li huwa opportun li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta".*

3. Jirriżulta illi l-attur Ganni Attard appella minn tali deċiżjoni.

4. Jirriżulta illi dina l-Qorti Kostituzzjonali, kif diversament ippresjeduta, kienet gia bdiet tikkunsidra l-appell tar-rikorrent minn tali deċiżjoni iżda l-attur, permezz ta' rikors tat-23 ta' Ġunju 2023, ressaq l-eċċezzjoni ta' rikuza fil-konfront tal-President u l-Imħallfin li jippresjedu l-Appell odjern, u dan abbazi tal-Artikolu 734 (1) (d) (iii) in vista ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, komposta kif kienet dak iż-żmien komposta l-Qorti Kostituzzjonali, fejn l-appell ta' l-attur għat-talba tar-ritassa minnu ppreżentata ġie miċħud fit-30 ta' Marzu 2022.

5. Jirriżulta illi, permezz ta' deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' Ottubru 2023, it-talba tal-attur intlaqgħet fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet is-segwenti:

> *"Meta tqis li:*
>
> *i. L-attur qiegħed jilmenta mill-mod kif sar l-intaxxar tal-kawża 20/2015 fl-ismijiet <u>Ganni Attard v. Dr. Frank Galea</u>;*

*ii. L-Imħallfin li qegħdin jippresjedu din il-Qorti kienu l-istess Imħallfin li ppresjedew il-Qorti tal-Appell li ddeċidiet li t-taxxa kellha tiġi kalkolata fuq is-somma ta' €1,500,000 u li ċaħdet it-talba tal-attur sabiex jagħti l-garanzija bil-benefiċċju tal-ġurament;*

*il-prudenza titlob li tintlaqa' l-eċċezzjoni u b'hekk jiġi assigurat li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-imparzjalità tal-ġudikanti li jippresjedu l-Qorti li għad trid tisma' u tiddeċiedi l-appell tal-attur.*

*Għal dawn il-motivi tilqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-attur.*"

6. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fil-25 ta' Ottubru 2023, dina l-Qorti Kostituzzjonali, kif komposta, ġiet appuntata sabiex tisma' u tiddeċiedi l-ilment tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

7. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, l-attur Gianni Attard qiegħed jilmenta li huwa qiegħed jiġi miċħud mill-aċċess għall-Qorti, partikolarment il-Qorti tal-Appell, u dan bi ksur tad-dritt lilu garantit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u dana meta huwa qed jiġi mitlub sabiex jagħmel garanzija għall-ispejjeż tal-appell fl-ammont ta' €48,499.29 biex l-appell tiegħu jkompli jinstema', liema somma hija bbazata fuq spejjeż u drittijiet mal-kawza fl-ismijiet Ganni Attard v. Dr Frank Galea (20/2015 JVC) imposti fuqu, liema spejjeż u drittijiet jikkontendi li ma ġewx maħduma skond il-Liġi.

8. Jirriżulta ċar, għalhekk illi l-ilment ta' l-attur hu illi ma huwiex qiegħed jingħata aċċess għal-Qorti tal-Appell peress illi l-garanzija lilu mitluba hija, fi kliemu stess, "esaġerata, esoribitanti u sproporzjonata" u qiegħda ċċaħħadlu d-dritt għall-aċċess għall-Qrati.

**Ikkunsidrat**

9. Jirriżulta illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkunsidrat tali ilment u wasslet għall-konklużjoni illi tirrifjuta li tezercita' s-setgħat tagħha skond l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress illi l-attur "*kapriċċożament naqas li juża l-għodda li tagħtih il-Liġi ordinarja*", u għalhekk caħdet it-talba tal-attur.

10. Jirriżulta illi l-attur ħassu aggravat minn tali deċiżjoni, u intavola l-Appell illi dina l-Qorti, kif komposta, qiegħda tqis u tikkunsidra.

11. Illi, madanakollu, qabel mal-Qorti tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha, jkun opportun illi tingħata ftit sfond billi jigu stabbiliti xi fatti li wasslu għall-kawża u ilment odjern.

**Iter proċesswali**

12. Jirriżulta illi, fis-**17 ta' April 2015**, permezz tal-proċeduri 20/15 JVC fl-ismjiet '*Ganni Attard vs Dr Frank Galea*" intavolati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), l-attur talab li l-intimat Dr Frank Galea jiġi kkundannat, fost affarjiet oħra, għall-ħlas ta' danni u telf ta' profitt, u dan in konnessjoni mal-qtil ta' merħla nagħaġ fit-3 ta' Novembru 2012 illi huwa kellu fir-razzett tiegħu fl-inħawi magħrufa bħala 'Tal-Pirwlin', limiti tal-Għarb, Għawdex, u li nqatlu mill-Awtoritajiet tad-Dipartiment Veterinarju u Photosanitary Regulation, peress illi ma kienux reġistrati kif suppost u ma kellhomx l-*ear tag* neċessarja.

13. Jirriżulta illi, kontestwalment mar-rikors tiegħu, l-attur ippreżenta **Mandat ta' Sekwestru Nru 57/2015** fejn talab illi tiġi kkawtelata s-somma ta' miljun u nofs Ewro (€1,500,000), fejn ġie indikat, bħala pretensjoni "*Ħlas ta' danni u telf ta' profitt li qed jintalbu permezz tal-kawza fl-ismijiet premessi ppreżentata kontestwalment, wara l-qatla tal-merħla tan-nagħaġ fit 3 ta' Novembru 2021.*"

14. Jirriżulta, għalhekk, illi d-danni pretiżi mill-attur Attard kienu kwantifikati, *da parte* tiegħu, illi jammontaw għas-somma ta' miljun u nofs ewro (€1,500,000).

15. Jirriżulta illi, wara talba ta’ Dr Frank Galea, fid-29 ta’ Mejju 2015, minkejja l-oġġezzjoni tal-attur Attard, il-Mandat ta’ Sekwestru 57/2015 ġie revokat. (fol 57)

16. Jirriżulta illi, eventwalment, il-proċeduri 20/15 JVC ġew deċiżi mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-**17 ta’ Ottubru 2017**, fejn it-talba tar-rikorrent ma ġietx milqugħha (fol 64), wara liema deċiżjoni l-attur intavola rikors tal-Appell fit-3 ta’ Novembru 2017.

17. Jirriżulta illi, nelfrattemp, skond kif titlob il-Ligi, inħarġet taxxa għall-proċeduri 20/15 JVC ta’ l-Ewwel Qorti, li nħadmet fuq il-valutazzjoni tal-Mandat ta’ Sekwestru, liema taxxa l-attur kien oġġezzjona għaliha u għalhekk, fl-**24 ta’ Novembru 2017,** l-attur intavola kawża ta’ ritassa kontra ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex).

18. Jirriżulta illi fil-**15 ta’ Mejju 2018**, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Ġenerali, ċaħdet it-talba ta’ ritassa magħmulha mill-attur u għalhekk it-taxxa kif maħruġa ġiet ikkonfermata (fol 94).

19. Jirriżulta illi l-attur pproċeda biex jappella minn tali deċiżjoni ta’ ritassa, liema appell, wara li ġiet appuntata għall-25 ta’ Ottubru 2021, ġiet differita għat-trattazzjoni għas-**7 ta’ Frar 2022.**

20. Jirriżulta, madanakollu illi, nelfrattemp, fil-kawża prinċipali li huwa kien intavola u li minnha huwa kien intavola appell, ossija dik fejn talab, fost affarijiet oħra, għall-ħlas tad-danni, huwa ressaq rikors fid-**29 ta' Dicembru 2021**, fejn għarraf lill-Qorti tal-Appell illi huwa ma kienx f'qagħda illi jħallas il-kawtela u għalhekk talab illi jiġi eżentat milli jħallasha.

21. Jirriżulta illi l-Qorti tal-Appell, fil-**5 ta' Jannar 2022**, ordnat lir-rikorrent sabiex jiġġustifika t-talba tiegħu li ma jħallasx il-kawtela, u dan billi jippreżenta lista tal-assi u djun tiegħu, sabiex jipprova l-pretensjoni tiegħu u l-Qorti tal-Appell tkun f'pożizzjoni tikkunsidra it-talba tiegħu.

22. Jirriżulta illi, fis-seduta tal-**24 ta' Jannar 2022**, fuq talba tal-attur stess, il-Qorti tal-Appell ikkonċediet illi tiddiferixxi l-kawża prinċipali fl-istess data meta kienet ser tiġi trattata l-kawża ta' ritassa li minnha kien appella l-attur, ossija 7 ta' Frar 2022.

23. Jirriżulta illi fis-7 ta' Frar 2022, il-Qorti tal-Appell semgħet it-trattazzjoni in rigward it-talba għal ritassa u differit l-appell għar-ritassa għas-sentenza.

24. Jirriżulta wkoll illi, nelfrattemp, il-kawża prinċipali ġiet differita għat-**2 ta' Mejju 2022**, għall-provi tal-attur dwar l-assi u djun.

25. Jirriżulta illi fit-**30 ta' Marzu 2022**, il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell għar-ritassa, u għalhekk it-taxxa ġiet ikkonfermata bħala waħda ġusta.

26. Jirriżulta illi, qabel is-smigħ tal-kawża prinċipali quddiem il-Qorti tal-Appell, fis-**26 ta' April 2022**, l-attur intavola l-proċeduri odjerni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), sabiex jiġi dikjarat illi ma kienx qiegħed jingħata aċċess lill-Qorti.

27. Jirriżulta wkoll illi, <u>kontestwalment</u> ma' tali proċeduri , fis-26 ta' April 2022, l-attur talab lill-Qorti tal-Appell sabiex tieqaf milli tisma' l-kawża prinċipali tiegħu sakemm l-ilment kostituzzjonali minnu mqajjem jiġi deċiż.

28. Jirriżulta illi, fit-2 ta' Mejju 2022, flok ma tressqu provi dwar l-assi tal-attur, ir-rikjesta għas-soprasessjoni ġiet trattata quddiem il-Qorti tal-Appell, li sussegwentement ċaħdet din it-talba u ordnat lill-attur sabiex, fis-seduta ta' wara, jiġifieri fis-16 ta' Mejju 2022, huwa jressaq il-provi tiegħu biex jiġi kkunsidrat jekk jingħatax il-benefiċċju li ma jħallasx kawtela jew le.

29. Jirriżulta illi fis-**16 ta' Mejju 2022**, meta l-attur kellu jippreżenta l-provi biex jiġġustifika t-talba tiegħu li jiġi eżentat mill-ħlas tal-kawtela, huwa la deher u wisq anqas ressaq provi dwar l-assi illi huwa għandu. Aktar minn hekk ġie dikjarat, mill-konsulent legali tal-attur stess, illi huwa ma kellu ebda provi x'iressaq in sostenn tat-talba tiegħu.

30. Jirriżulta illi fis-6 ta' Ġunju 2022, it-talba sabiex eżentat mill-ħlas tal-kawtela ġiet trattata u, eventwalment, fis-**27 ta' Ġunju 2022**, l-appell tal-attur mill-kawża prinċipali ġie dikjarat deżert, peress illi ma kienx ġie ppruvat illi l-attur kellu jingħata l-benefiċċju li jkompli bl-appell mingħajr ma jħallas il-kawtela u għalhekk, ladarba l-appell ma ġiex kawtelat, l-appell ġie dikjarat deżert.

**Ikkunsidrat**

31. Il-Qorti, hawnhekk, tqis illi għandha tibda billi tirrileva illi l-fatti kollha, kif fuq elenkati, lkoll ġew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti, meta għaddiet biex tagħmel il-konsiderazzjoniijet tagħha.

32. Il-Qorti tosserva wkoll, illi fil-konsiderazzjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti kellha dan xi tgħid dwar l-ilment tal-attur li ma kellux aċċess għall-Qorti, partikolarment il-Qorti tal-Appell:

> *"Kif inhu sewwa magħruf, skont il-proviżo għall-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, din il-Qorti, meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa*

*ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur l-ilmentatur skont xi liġi oħra, tista' tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha li tagħti rimedju skont l-istess Art. 46. Dan il-provvediment huwa replikat fil-proviżo tal-Art. 4(2) tal-Kap 319 rigward il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan sabiex il-proċedura biex jitħarsu d-drittijiet fundamentali ma tiġix ibbanalizzata.*

*L-ilment tar-rikorrent mhuwiex imsejjes fuq xi allegazzjoni li t-test tal-liġi huwa leżiv, iżda li l-ispejjeż mitluba kienu eżorbitanti.*

*Skont Art. 904 tal-kodiċi ritwali, jekk l-appellant ma jkunx f'qagħda li jġib il-garanzija mitluba minnu, il-Qorti tal-Appell, jekk issib li jkun hemm probabilis causa litigandi, tista' teżentah milli jġib is-somma mitluba u minflok tagħtih il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament.*

*Permezz ta' rikors tad-29 ta' Diċembru 2021, waqt l-appell 20/2015/2, ir-rikorrent iddikjara li ma kienx f'qagħda jħallas il-kawtela u għalhekk talab li jiġi eżentat milli jħallasha. Minkejja li l-Qorti tal-Appell, b'digriet tal-5 ta' Jannar 2022, ordnatlu jippreżenta nota ġuramentata dwar l-attiv u l-passiv tiegħu, huwa naqas li jagħmel dan. Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2022 l-appellant (ir-rikorrent odjern) lanqas biss indenja ruħu li jattendi għas-seduta li fiha kellhom jinstemgħu l-provi tiegħu. L-avukat tiegħu sempliċiment qal li ma setax jattendi. Iddikjara wkoll li ma kellux provi xi jressaq dwar il-garanzija u għalhekk il-Qorti tal-Appell iddikjarat il-provi magħluq fir-rigward. Fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022 l-istess Qorti ċaħdet it-talba tal-appellant għaliex ma ġabx prova li ma setax iħallas il-kawtela, u ma kkonfermax ir-rikors tiegħu bil-ġurament kif jirrikjedi l-Art. 904 tal-kodiċi ritwali, u ma kellux probabilis causa litigandi.*

*M'hemmx dubju li l-Kodiċi ta' Proċedura jagħti rimedju għal min ma jkunx f'qagħda li jħallas il-kawtela, u li dan ir-rimedju huwa wieħed siewi u effettiv.*

*Lanqas hemm dubju li r-rikorrent ingħata kull opportunita` li jsemma' leħnu dwar il-kawtela u li huwa kappriċċożament naqas li juża' din l-għodda li tagħtih il-liġi ordinarja. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas, din il-Qorti tqis li huwa opportun li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont l-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta."*

33. Abbazi ta' tali konsiderazzjonijiet il-Prim'Awla għaddiet biex ċaħdet it-talba tal-attur, għal liema talba din il-Qorti qiegħda issa tikkunsidra l-appell li l-attur għamel.

34. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi huwa rilevanti li jiġi riprodott dak dikjarat mill-attur stess fl-appell tiegħu, fejn huwa jikkontendi s-segwenti:

> *"Illi r-rikors tal-appellanti kuntrarjament ghal mod kif gie trattat mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma huwiex imsejjes fuq il-fatt jekk l-esponenti ngħatax id-dritt li jagħhmel użu mill-mezzi li tagħtiħ il-Liġi sabiex il-kawtela titħallas jew ma titħallasx. Fil-fatt <u>il-kontestazzjoni prinċipali kienet fir-rigward dwar il-mod li biha inħadmet u ġiet intaxxata 1-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjon Ġenerali fl-ismijiet Ganni Attard vs Dr. Frank Galea</u>* (sottolinjar ta' dina l-Qorti) *u għalhekk konsegwentement il-kawtela kif mitluba li titħallas sabiex il-Qorti tal-Appell tkun tista' tipproċedi bis-smiegħ tal-Appell kienet waħda erronea;*
>
> *Illi l-lamenteli tal-appellant fil-fatt huma li l-ammont tat-taxxa kif maħduma, ġiet ikkalkulata fuq l-valur li kien ġie indikat fil-Mandat ta' Sekwestru. Fil-fatt dan l-istess Mandat ta' Sekwestru kien eventwalment ġie revokat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) permezz ta' digriet tad-29 ta' Mejju, 2015 fejn ġie dikjarat li l-ammont kawtelat "ma jirriżultax li huwa 'prima facie' ġustifikat" - kopja ta' dan id-digriet qiegħda tiġi annessa bħala Dok. A;*
>
> *Illi konsegwentement ukoll, il-kawza ma ġietx deciza favorevolment. Minkejja dan kollu, pero, it-taxxa inħadmet fuq dan l-ammont. B'dan iżda li l-kawtela mitluba ġiet kkalkulata fuq l-ispejjez hekk kif maħduma;*
>
> *Illi għalhekk dan huwa l-pern ta' din il-materja li ġiet promossa mill-esponenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha u cioe <u>l-fatt li ma huwiex salvagwardjat id-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jkollu aċċess għall-gustizzja</u>.* (sottolinjar ta' dina l-Qorti)."

35. Jirriżulta ċar, kemm mid-diċitura tar-rikors tal-appell, kif ukoll mill-fatti kif esposti, illi l-ilment prinċipali tar-rikorrent huwa l-mod kien ġiet intaxxata il-kawża tiegħu 20/2015 JVC, u illi dina wasslet sabiex huwa jiġi miċħud mill-aċċess għall-Qorti.

36. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi r-rikorrent kellu kull opportunità illi jikkontesta it-taxxa kif redatta, ħaġa illi huwa di fatti għamel, kemm fi

stadju ta' Prim Istanza, kif ukoll fi stadju tal-Appell, fejn huwa kellu kull opportunità illi jressaq l-ilmenti tiegħu dwar tali taxxa, liema ilmenti ġew ikkunsidrati mhux darba, imma darbtejn, l-ewwel mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza Superjuri tagħha u sussegwentement, mill-Qorti tal-Appell.

37. Il-Qorti tosserva wkoll illi, fiż-żewġt istanzi, ġie konkluż mill-Qorti illi l-mod kif kienet redatta it-Taxxa li dwarha qiegħed jilmenta l-attur kienet waħda ġusta u korretta skond il-Liġi, u li għalhekk l-attur ma kellux raġun illi jikkontendi "*illi l-ispejjez, drittijiet u kawtela intaxxat huma esagerati, eżorbitanti u sproprozjonati*" kif jikkontendi fir-rikors li qiegħda tikkunsidra dina l-Qorti.

38. Il-Qorti tosserva wkoll illi, stabbilit li t-taxxa kienet maħduma b'mod korrett, l-attur kellu rimedju ieħor għal xiex jirrikorri kieku verament ma kellux flus sabiex jagħmel il-garazija mitluba u ċjoè illi jibbenefika minn dritt illi jiġi eżentat milli jipprovdi tali garanzija, u dan kif ipprovdut fl-Artikolu 904 tal-Kap 12.

39. Jirriżulta, di fatti, illi l-Artikolu 904 tal-Kap 12 jipprovdi illi:

> "*(1) Jista' jingħata lill-attur jew lill-appellant il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament, meta huwa juri prima facie li għandu probabilis causa litigandi,u jaħlef li ma rnexxilux iġib dik il-garanzija meħtieġa skont il-liġi.*

> *(2) Il-qorti, fis-smigħ tar-rikors li bih jintalab biex il-garanzija tiġi mogħtija bil-ġurament, tista' tidħol fil-meritu, sa fejn dan jista'jiswa għad-deċiżjoni tal-kwistjoni dwar il-garanzija bil-ġurament."*

40. Il-Qorti tirrileva illi, di fatti, b'rikors datat 29 ta' Dicembru 2021, fl-atti tal-kawża prinċipali, l-attur talab illi jingħata tali benefiċċju, għal liema talba l-Qorti tal-Appell talbitu jressaq provi dwar assi u djun.

41. Madanakollu, jirriżulta illi minkejja illi tali ordni saret fil-5 ta' Jannar 2022, l-attur ingħata tlett opportunitajiet, ossija fl-24 ta' Jannar 2022, fit-2 ta' Mejju 2022 u fis-16 ta' Mejju 2022 sabiex iressaq tali provi, iżda huwa qatt ma ressaq provi kif lilu rikjest u anzi ddikjara, *tramite* l-konsulent legali tiegħu *in vista* tal-assenza tiegħu, illi ma kellux provi x'jippreżenta.

42. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi l-attur kellu kull possibbiltà illi jirrimedja għal dak illi huwa jikkunsidra bħala lezjoni tad-dritt tiegħu għall aċċess għall-Qorti, ossija talba għall-ħlas ta' kawtela "*esagerata u sproporzjonata*", fi kliem l-attur, billi jippreżenta rikors illi jingħata il-benefiċċju li ma jħallasx tali kawtela *a tenur* tal-Artikolu 904.

43. Jirriżulta wkoll illi, għalkemm huwa ressaq talba biex jingħata tali benefiċċju fid-29 ta' Diċembru 2021, huwa naqas milli jressaq il-provi tiegħu biex jiġġustifika r-rikjesta tiegħu u, minflok, ressaq il-proċeduri Kostituzzjonali odjerni u saħansitra talab lill-Qorti tal-Appell sabiex tissoprasjedi sakemm l-ilment Kostituzzjonali tiegħu jiġi deċiż.

44. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi a differenza ta' dak ilmentat mill-attur, ma jistax jingħad li t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili (Għawdex), u minnu kontestata kemm fil-Prim'Istanza u fl-Appell, kienet qiegħda tipprojbih milli jkollu aċċess għall-Qorti, u dana peress illi l-attur kellu kull possibbiltà jingħata l-benefiċċju li ma jħallasx kawtela, liema benefiċċju iżda huwa ma ngħatax għax naqas, fi kliem l-Ewwel Qorti "*kapriccozament*" milli jippreżenta kwalsiasi tip ta' prova biex tikkonferma l-ġenwinità tat-talba tiegħu.

45. Għalhekk, il-Qorti Kostituzzjonali, taqbel ma' dak konkluż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), u tqis illi l-attur Ganni Attard naqas milli jeżawrixxi r-rimedji kollha ordinari kollha illi kellu sabiex ikollu aċċess għall-Qorti, liema nuqqas huwa attribwibbli unikament għar-retiċenza u nuqqas tiegħu illi jressaq provi kif rikjest mill-Qorti, u għalhekk tqis ukoll illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet ġusta u korretta meta rrifjutat illi teżerċita s-setgħat tagħha skond l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta għax l-attur kien naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji illi kellu.

**Decide**

46. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u qiegħda tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-interità tagħha.

47. Bl-ispejjeż kollha, kemm tal-Ewwel Istanza u tal-Appell, jkunu sopportati mir-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Francesco Depasquale<br>Aġent President | Audrey Demicoli<br>Imħallef | Doreen Clarke<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da